**17 ta' Novembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Carabott

*versus*

Antonio Bugeja

**Kompetenza — Valur — Art. 46 u 749(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta hija limitata għall-pretensjonijiet li ma jeċċedux £10 fl-ammont tagħhom. Imma, meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata, il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat minn dik it-talba. Għaldaqstant, jekk l-attur jitlob somma determinata li teċċedi £10 għal kawżali waħda u kontra persuna waħda, il-valur jeċċedi l-£10, u kompetenti biex jieħu konjizzjoni ta' dik it-talba huwa t-tribunal superjuri. Il-fatt li mir-riżultanzi tal-provi fis-smigħ tal-kawża jista' jinstab li d-dritt tal-attur fil-fatt kien limitat għal somma iżken ma jalterax il-kompetenza; imma jista' biss jinfluwixxi fuq il-kap tal-ispejjeż.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur £11 ta' żewġ semestri kera tal-fond iż-Żejtun, numru 14 Strada Santa Lucia, skaduti antiċipatament fl-ewwel ta' Awissu 1960 u fl-ewwel ta' Frar 1961; bl-interessi legali mit-18 ta' Frar 1961, data tan-notifika tal-ittra uffiċjali taż-17 ta' Frar 1961. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali taż-17 ta' Frar 1961;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Mejju 1961, li biha dik l-Qorti ddikjarat ruħha nkompetenti minħabba l-valur, u li l-Qorti kompetenti hija dik tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għaż-żewġ lokazzjonijiet; bl-ispejjeż għall-attur; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta li l-fond in kwistjoni li t-tliet kmamar ta' taħt huma ta' proprjetà tal-attur u ż-żewġ kmamar ta' fuq huma ta' proprjetarju differenti, wara li ġie rikostruwit mill-attur bil-flus tal-War Damage Commission il-għaliex kien ġie mġarraf bl-għemil tal-għadu, ġie mikri lill-konvenut bis-somma totali ta' £11 fis-sena, imma bis-£7 l-kmamar ta' taħt u £4 fis-sena għall-kmamar ta' fuq. Ir-riċevuti kienu jsiru fuq riċevuta waħda, imma separati għall-kmamar ta' taħt minn dawk ta' fuq skond il-kera kif fuq intqal. Żmien determinat għal-lokazzjoni ma ssemmiex. Il-kera kien jitħallas bil-quddiem . . . . . . .;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi minn dawn il-provi jidher, kwindi, li meta l-konvenut mar għand l-attur biex jikri biss il-kmamar t'isfel, u l-instanti ried li l-konvenut jikri wkoll il-kmamar ta' fuq, u semma lill-konvenut kemm kien il-kera tal-kmamar t'isfel u kemm kellu jkun il-kera tal-kmamar ta' fuq, għalkemm flimkien kienu jirrappreżentaw is-somma totali ta' £11, fil-fatt kienu qegħdin isiru żewġ lokazzjonijiet; tant li l-ħaġa

lokata u l-kera relattiv kienu differenti u separati, u l-attur irrilaxxja f'riċevuta waħda żewġ riċevuti ndipendenti;

Illi, peress li dawn il-kirjiet it-tnejn huma taħt l-£10, il-kompetenza ta' din il-kawża "ratione valoris", fejn iż-żmien mhux determinat, tispetta lill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja (art. 46(1) u 758 Kap. 15);

Illi din l-eċċezzjoni ma hemmx dubju li tista' tiġi sollevata "ex officio" mill-Qorti;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u l-petizzjoni tiegħu fejn talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Mejju 1961, u d-dikjarazzjoni li kompetenti hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 46 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta hija limitata għall-pretensjonijiet li l-ammont tagħhom ma jeċċedix £10. Skond l-art. 749(a) tal-istess Kodiċi, il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata;

Illi fil-każ in kwistjoni l-attur talab is-somma determinata ta' £11 għal kawżali waħda, u kontra persuna waħda. Għaldaqstant, il-valur fil-kawża kien jeċċedi l-kompetenza tal-Qorti Ċivili Inferjuri. Il-fatt li mir-riżultanzi tal-provi fis-smiegħ tal-kawża jista' jinstab li d-dritt tal-attur huwa fil-fatt limitat għal somma iċken, ma jalterax il-kompetenza. Dak biss ikun meritu li jista' jinfluwixxi biss fuq il-kap tal-ispejjeż. Għaldaqstant, ladarba l-attur iddeduċa pretensjoni ta' valur eċċedenti £10, bla ma qasamha permezz tad-deduzzjoni ta' diversi kawżali, kompetenti kienet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili minnu adita. Is-sentenzi ċitati mill-appellat mhumiex applikabbli għall-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell tal-attur,

tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara kompetenti l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; bl-ispejjeż tal-inċident għall-konvenut. U tordna li l-kawża tinbagħat mill-ġdid lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili biex din tieħu konjizzjoni tal-meritu.